# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 10**

**Rikors numru: 1145/06AF**

**Emanuel Vella & Sons Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici li ressqet fis-27 ta' Dicembru, 2006, u li jaqra hekk:

1. Illi s-socjeta` attrici kienet giet inkarigata mis-socjeta` estera bl-isem ta' Alpha Trade and Commerce (UK) sabiex iggorrilha merkanzija konsistenti f'zokkor;

2. Illi fil-kors tal-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu da parti tas-socjeta` attrici tramite hames *containers* ingaggjati ghal dan l-iskop

minghand socjeta` ohra maltija, il-konsenja taz-zokkor giet maqbuda mill-Awtorita` konvenuta hawn Malta;

3. Illi fil-konfront ta' din il-merkanzija stivata gewwa hames *containers* inharget nota ta' qbid li ggib in-numru 25/2006 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa markata Dok A minn fejn jirrizulta li l-piz komplessiv ta' mija u ghoxrin tunnellata zokkor kien qed jinzamm mill-Awtorita` konvenuta;

4. Illi ghalkemm is-socjeta` attrici kienet baghtet tavza lill-Awtorita` konvenuta li kienet bihsiebha tipprocedi b'talba ghar-rilaxx ta' din il-konsenja zokkor Dok B, l-azzjoni apposita baqghet ma gietx intavolata peress illi s-socjeta` attrici baqghet ma rceviet ebda awtorizzazzjoni ghal dan il-ghan minghand il-principali esteri taghha proprjetarji ta' din il-merkanzija;

5. Illi in segwitu s-socjeta` attrici talbet ir-rilaxx tal-hames *containers* fejn kienet qed tinzamm il-konsenja ta' zokkor maqbuda stante li l-istess *containers* ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-allegata irregolarita` fil-karti u d-dokumenti konnessi mal-merkanzija taz-zokkor pero` ufficjali tal-kontrollur konvenut wiegbu li ma setghux jirrilaxxjaw l-istess ghal mument peress li ma kellhomx fejn iqieghdu z-zokkor sakemm jiddisponu minnu;

6. Illi ghalkemm ghaddew diversi xhur il-kontrollur konvenut baqa' jzomm il-pussess tal-hames *containers* kontenenti l-imsemmija konsenja taz-zokkor u dana minghajr ebda raguni valida bil-konsegwenza li mhux biss qed icahhad lis-socjeta` attrici minnhom izda sahansitra qed jesponiha ghal danni sostanzjali minghand sid l-istess *containers*;

7. Illi l-Awtorita` konvenuta kienet giet inutilment interpellata sabiex tirrilaxxja l-imsemmija *containers* permess ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru 2006 Dok C liema sejha baqghet minghajr ebda twegiba.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici titlob bir-rispett ili dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tordna lill-Awtorita` konvenuta Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxja favur is-socjeta` attrici l-hames *containers* li go fihom tinsab maqbuda l-merkanzija taz-zokkor permezz tal-precitata nota numru 25/2006.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` konvenuta minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal azzjoni ta' danni spettenti lill-istess attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Illi preliminarjament, il-procedura ta' rikors guramentat mhix il-procedura idonea ghal fini ta' talba ghal rilaxx t'oggett maqbud mill-intimat, stante li din il-procedura hi regolata mill-Ordinanza tad-Dwana u l-artiklu 73(1) tal-istess Ordinanza jitlob li din il-procedura ssir b'rikors.

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-procedura hija tardiva peress li skada z-zmien b'iktar minn tliet xhur li fih setghet issir tali talba ghal rilaxx t'oggett maqbud mill-intimat, u dan ai termini tal-artiklu 72(2) tal-Ordinanza tad-Dwana.

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent illum m'ghadx ghandu interess guridiku biex jaghmel din il-procedura. Illum il-*containers* mertu ta' din il-procedura huma definittivament konfiskati favur il-Gvern ai termini tal-artiklu 72(2) tal-Ordinanza stante li n-nota ta' qbid numru 25/2006 ma kinitx kontestata fiz-zmien. Ghalhekk ir-rikorrent m'ghadx ghandu l-pussess tal-*containers* bhalma kellu qabel ma sar il-qbid u ghalhekk ma jistax illum jitlob ir-rilaxx lilu ta' xi haga li mhix tieghu.

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat illum ma jistax ikun ordnat jirrilaxxa l-*containers* lir-rikorrent, stante li dawn huma definittivament konfiskati favur il-Gvern.

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent irid igib prova tal-valur tal-*containers* fil-mument tal-qbid taghhom minhabba l-kompetenza tal-qorti, u dan minhabba d-dettami tal-artiklu 72(2) tal-Kap 37.

6. Illi fil-mertu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-qbid ta' dawn il-*containers* sar skond il-ligi. L-artiklu 60 tal-Ordinanza Kap 37 jipprovdi ghall-konfiska tal-oggett li fih il-merkanzija li diehla Malta bi ksur tal-ligi tkun mohbija. Barra minn hekk l-artiklu 68 tal-Kap 37 jipprovdi wkoll li ghandu jkun konfiskat l-oggett li fih il-merkanzija zdazjata tkun qed tingarr u tiddahhal f'Malta. Dawn il-*containers* kienu qed igorru taghbija ta' zokkor li kienet diehla f'Malta u konsegwentement fl-Unjoni Ewropea a bazi ta' dokumenti foloz. Permezz ta' dawn id-dokumenti, l-importatur kien se jiffranka li jhallas iktar minn Lm191,000 taxxi ta' importazzjoni.

7. Illi mhux minnu li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex dawn il-*containers* inzammu mill-intimat, stante li l-ligi stess timponi fuq l-intimat l-obbligu li jikkonfiska kemm il-merkanzija kif ukoll il-mezz li fih kienet qed tingarr.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

> Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li cahdet l-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana, u laqghet it-talba ta' Emanuel Vella & Sons Ltd kif dedotta; bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Kontrollur tad-Dwana.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titlob lill-kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa lilha hames *containers* minnu mizmuma wara li kien irrizulta li l-merkanzija fihom kienet ser tiddahhal Malta irregolarment. Vella & Sons Ltd isostni li l-*containers* ma kellhom ebda konnessjoni mal-irregolarita'. Il-kontrollur tad-Dwana isostni li l-procedura uzata mhijiex dik li suppost intuzat, li saret wara z-zmien moghti apposta mil-ligi, kif ukoll li l-*containers* infushom kienu maqbuda wkoll u ghalhekk issa gew konfiskati favur il-gvern.
>
> Jirrizulta illi f'Gunju tas-sena 2005, is-socjeta' estera Alpha Trade & Commerce (UK) Ltd inkarigat lis-socjeta' Express Freights Limited biex iggorrilha lejn Malta konsenji kbar ta' zokkor mill-Malawi bl-intenzjoni li z-zokkor jigi trasbordat lejn l-Italja. Peress illi Express Freights Limited tesegwixxi biss operazzjonijiet internazzjonali, it-tappa lokali tal-vjagg giet mghoddija lil Emmanuel Vella & Sons Limited, is-socjeta' rikorrenti, li tifforma parti mill-istess "group of companies". Is-socjeta' Alpha kienet ipproduciet licenzja ta' importazzjoni u Euro 1 certificate li kien jezentaha mill-hlas ta' dazju fl-Ewropa. Waslu l-ewwel konsenji, gew rilaxxati mid-dwana u ntbaghtu lejn l-Italja. Meta waslet l-ahhar konsenja f'Malta fl-14 ta' Settembru 2005, l-awtoritajiet doganali f'Malta bdew jiddubitaw dwar il-veracita' tac-certifikat EUR 1. Zammew il-5 *containers* "on hold". Emmanuel Vella & Sons Limited tramite r-rapprezentanti taghha bdiet titlob biex jigu rilaxxati mqar il-*containers* minghajr il-merkanzija. Meta gie konfermat il-fatt li l-EUR 1 certificate kien falz, id-Dwana harget in-nota ta' qbid esebita in atti mar-rikors promotur. Emmanuel Vella & Sons baqghu jinsistu li l-*containers* ghandhom jigu rilaxxati u l-ispjegazzjoni li baqghet tigi moghtija lilhom

kienet wahda logistika biss peress illi ma kienx hemm fejn jinzamm iz-zokkor jekk jinhatt mill-*containers*.

L-eccezzjonijiet tal-kontrollur tad-Dwana essenzjalment jippernjaw ruhhom fuq id-dettami tal-Ordinanzi tad-Dwana li fl-Art. 72 et seq. tipprovdi ghall-procedura li trid tigi segwita meta ssir talba ghar-rilaxx ta' oggetti maqbuda mid-Dwana. Skont il-kontrollur tad-Dwana galadarba ma gietx segwita l-procedura skont l-Ordinanza, il-*containers* issa gew konfiskati favur il-gvern u ghalhekk Emmanuel Vella & Sons ma baqaghliex interess fil-kwistjoni. Skont il-kontrollur, ghalhekk, il-*containers* m'ghadhomx taghha.

Il-Qorti tinnota li fil-mori ta' dawn il-proceduri, kif verbalizzat fit-2 ta' Dicembru 2009, il-*containers* de quo gew fil-fatt rilaxxati kontra l-hrug ta' garanzija bankarja mis-socjeta' rikorrenti favur il-kontrollur tad-Dwana minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni li hadu l-partijiet f'din il-kawza.

Il-Qorti kkunsidrat il-kwezit principali li jehtieg li tinvestiga din il-Qorti fil-kuntest huwa essenzjalment jekk il-*containers* kinux fil-fatt maqbuda bin-nota ta' qbid jew jekk din kinitx qed tolqot limitatament iz-zokkor li kien qieghed jingarr.

In-nota ta' qbid esebita in atti a fol. 4 tal-process, ghalkemm telenka l-hames *containers* bin-numri ta' identifikazzjoni taghhom, ma tinkludihomx fil-kolonna intestata kwantita', piz jew numru. F'din il-kolonna hemm biss imnizzel il-piz ta' 120 tonnes li fil-fatt huwa l-piz tal-merkanzija li kienet qieghda tingarr.

Inoltre, l-awtoritajiet doganali konsistentement iddiskutew il-logistika tar-rilaxx tal-*containers* wahedhom. Qatt ma urew il-fehma li dawn kienu fil-fatt maqbuda mal-merkanzija. Jirrizulta mill-provi li l-konsenja li nqabdet kienet waslet Malta fl-14 ta' Settembru 2005. In-nota ta' qbid iggib id-data tal-21 ta' Lulju 2006. Tul dan iz-zmien kollu, is-socjeta' rikorrenti nsistiet ghar-rilaxx anke ghaliex il-*containers* ma kinux proprjeta' taghha imma ta' Carmelo Caruana Shipping.

David Fleri Soler jikkonferma:

"*Tad-Dwana kkonfermaw maghna f'diversi okkazzjonijiet li kienu ser jghaddulna lura l-containers hekk kif isibu jaraw x'ser jaghmlu biz-zokkor ta' go fih. F'hin minnhom meta tad-Dwana raw li ahna konna qed naghfsu ghall-containers, kienu anke bdew jippruvaw ibieghu z-zokkor halli jehilsu minnu. Min-naha taghna ahna konna u ghadna wkoll disposti li nhottu z-zokkor fil-Kumpless tal-Groupage gewwa Hal Far u fil-Customs Bonded stores fi Newport. Ir-risposta tad-Dwana dejjem kienet fis-sens li hekk kif jehilsu mill-merkanzija huma kienu ser jghaddulna lura l-containers – qatt ma tawna x'nifhmu li kienu qed jikkunsidraw dawn il-hames containers bhala maqbuda huma wkoll.*"

Saviour Vella jixhed:

"*Mal-ufficcjali tad-Dwana kont inkellem lil diversi ufficcjali fosthom l-istess Direttur tad-Dwana li jismu John Mifsud. Jiena kont nitlob sabiex jaghtuna lura l-containers filwaqt li jzommu ghandhom il-merkanzija. Tad-Dwana inkluz l-istess Direttur, dejjem wegbuni fis-sens huma ma kellhom ebda oggezzjoni li jaghtuna l-containers, pero' kellhom il-problema fejn iqeghdu x-xoghol cioe' l-merkanzija taz-zokkor. Tant ma kellhomx fejn iqeghdu dan iz-zokkor li kienu anke qed jahsbu li b'xi mod iqassmuha b'xejn. Fil-fatt kienu anke qed jikkunsidraw li jqassmu din il-merkanzija b'xejn lejn xi pajjiz fil-bzonn ghal skop karitetovoli;*

*Nikkonferma li fid-diversi drabi li nzilt inkellimhom id-Dwana dejjem kienu qed jitkellmu diskors fis-sens li l-merkanzija biss kienet mizmuma u mhux li kienu qed izommu wkoll il-containers. Dawn zammewhom biss ghall-finijiet ta' konvenjenza ghax ma kellhomx spazju fejn iqeghdu z-zokkor u ghall-ebda raguni ohra.*"

Carmen Aquilina, Principal Officer fid-Dipartiment tad-Dwana, tikkonferma d-diskussjonijiet.

"*Nahseb li kien hemm diskussjonijiet fil-prezenza tieghi fis-sens illi l-containers ikunu jistghu jigu rrilaxxjati pero` ma kienx hemm fejn jinzamm iz-zokkor attwalment.*"

Paul Scerri, Direttur Generali fid-Dipartiment tad-Dwana jikkonferma ftehim tieghu mas-socjeta' rikorrenti:

Huwa jghid hekk:

"*Emmanuel Vella kienu accettaw illi jgorru z-zokkor a spejjez taghhom u jhottuhom huma a spejjez taghhom. Id-Dwana kienet accettat li tqabbad lilhom burdnara biex ihottu l-istess zokkor u dan sabiex il-flus illi jigu frankati jinbieghu l-containers lilhom u naghtuhomlhom vojta jigifieri huma kienu ha jhallsu l-containers bix-xoghol u spejjez tal-hatt. In rapprezentanza ta` Emanuel Vella kien hemm zgur Salvu Vella. Dan il-ftehim kien sar fil-prezenza tieghi. Ma kien hemm xejn miktub. Il-ftehim ma giex attwat ghaliex inqalghet il-problema fejn ha jitpogga z-zokkor. Id-Dwana f`dan l-istadju peress illi ma sehhx il-ftehim ippruvat tbiegh iz-zokkor lokalment u ma rnexxilhiex ghaliex hadd ma accettah u d-Dwana pruvat ukoll taghtih karita` barra minn Malta pero` ma rnexxielniex lanqas. Id-Dwana ghamlet l-almu taghha biex tiddisponi miz-zokkor.*"

Din il-Qorti tqis illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-*containers* infushom qatt ma kienu maqbuda mid-Dwana u ghalhekk ghandhom jigu rilaxxati.

Ghaldaqstant, ghalhekk, l-eccezzjonijiet tal-kontrollur tad-Dwana li jirrigwardaw essenzjalment il-procedura li ghandha tigi segwita f'kaz ta'

> qbid, ma jghoddux. Il-procedura segwita mir-rikorrenti hija wahda msejsa fuq il-principji generali tal-ligi u mhux dik specjali li tipprovdi ghaliha l-Ordinanza tad-Dwana."

Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab bir-rispett:

> "li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka *in toto* d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tad-9 ta' Ottubru, 2013, u minflok tilqa' dan l-appell; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpannija appellata".

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "ghar-ragunijiet premessi tirrespingi l-appell intavolat mill-Awtorita` appellanti fil-konfront tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti datata 9 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tikkonferma fl-intier l-istess sentenza.
>
> Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Awtorita` intimata appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, is-socjeta` attrici qed tittanta tiehu lura hames *containers* li go fihom instabet merkanzija ta' zokkor li ddahlet Malta

illegalment, tant li kienet oggett ta' mandat ta' qbid numru 25/2006. Dan il-mandat hareg fil-21 ta' Lulju tal-2006, b'din il-kawza tinfetah f'Dicembru tal-2006, oltre t-terminu stabbilit bil-ligi ghar-rilaxx ta' oggetti maqbuda, u cioe` l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta` attrici tghid, pero` illi hi ma hijiex qed tressaq ilment a bazi ta' dik l-Ordinanza izda a bazi tal-principji generali tal-ligi. Tghid dan ghax, skond hi, bil-Mandat ta' Qbid gie sekwestrat iz-zokkor u wkoll il-*containers*, u z-zamma ta' dawn il-*containers* mill-konvenut ma kinitx a bazi ta' dik l-Ordinanza u, allura, kienet zamma illegali kontra l-principji generali tad-dritt.

L-ewwel Qorti abbraccjat din it-tesi tas-socjeta` attrici u wara li osservat li l-containers infushom qatt ma kienu maqbuda mid-Dwana, ordnat ir-rilaxx taghhom.

Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana appella mis-sentenza u insista li l-*containers* gew maqbuda b'effett tal-imsemmi mandat ta' qbid, u l-azzjoni kellha ssir fit-terminu indikat fl-imsemmija Ordinanza; f'dan il-kaz jirrizulta li l-azzjoni hija tardiva.

Trattat l-appell, din il-Qorti tasal biex taccetta l-aggravju tal-konvenut. Il-ligi, fl-artikolu 68, tghid b'mod car li l-bastimenti u l-vetturi li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni ta' oggetti suggetti ghal

konfiska, ikunu huma wkoll kkonfiskati. Issa, meta nhareg il-mandat ta' qbid in kwistjoni, fil-kolonna ntestata "Oggetti Maqbuda – Deskrizzjoni" kemm kien iz-zokkor u l-hames *containers.* Kien hemm indikat ukoll il-piz taz-zokkor, izda n-nuqqas li jigi indikat it-tunellagg tal-containers ma jfissirx li dawk il-containers ma kienux inkluzi fil-mandat ghax m'hemm l-ebda obbligu fuq il-konvenut li jindika l-piz tal-mezz tal-garr, f'dan il-kaz il-*containers*.

Darba hu car, fil-fehma tal-Qorti, li l-containers kienu nkluzi fil-mandat ta' qbid in kwistjoni, kawza ghar-rilaxx taghhom kellha ssir fl-ambitu u fit-terminu tal-Ordinanza msemmija; f'dan il-kaz, hu car li l-azzjoni hi tardiva.

L-ewwel Qorti marret lil hinn minn dan ir-ragunament u qalet li mill-provi kien jirrizulta li l-ufficjali tad-dwana kienu lesti jirrilaxxjaw il-*containers*, u zammewhom peress li ma kellhomx spazju fejn iqeghdu z-zokkor konfiskat. Dan, *in parte*, hu minnu, pero` mill-assjem tal-provi l-intendiment kien illi, kieku setghu, jirrilaxxjaw il-*containers* <u>wara</u> li tinghata garanzija bankarja li tkopri l-valur taghhom. Fil-fatt, id-Direttur Generali fid-Dipartiment qal li kien sar diskors fis-sens li z-zokkor jinhatt min-nies tas-socjeta` attrici, u jghaddu l-*containers* vojta lis-socjeta`, "*jigifieri huma kienu **ha jhallsu** l-containers bix-xoghol u spejjez tal-hatt*". Altru mela li dawn il-*containers* kienu sejrin jigu irrilaxxati qiesu xejn

m’hu xejn. Ghall-varji ragunijiet, dak il-ftehim ma giex milqugh, pero` ma hemm xejn fl-atti li jindika li l-*containers* ma kienux suggett ta’ qbid.

Meta eventwalment il-containers gew rilaxxati wara li nharget garanzija bankarja, din il-garanzija, li nharget mis-socjeta` attrici u hi indirizzata lill-konvenut, tindika espressament il-hames *containers* “*which were seized by you in terms of seizure note no. 25/2006 dated 21 July, 2006*”. Din hi konferma ohra li l-*containers* kienu fil-fatt maqbuda bis-sahha tal-imsemmija mandat.

Dwar il-fatt li l-*containers* huma proprjeta` ta’ terzi u mhux tas-socjeta` attrici, dan jista’ jkun rilevanti kieku dawk it-terzi kienu fil-kawza; il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq drittijiet o meno ta’ terzi li ma humiex parti fil-kawza.

Ghall-fini ta’ din il-kawza, hu bizzejjed li jinghad li l-*containers* huma inkluzi fil-mandat ta’ qbid in kwistjoni, u darba ma saritx il-procedura apposita fit-termini indikat fil-ligi (ara artikolu 72 tal-imsemmi Kap 37), din il-kawza ma tistax tintrebah mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mid-Direttur Generali (Dwana) gia` Kontrollur tad-Dwana billi tilqa’ l-

istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr